**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 127/2019 AL

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri C D**

**vs**

**E D,**

**F G, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attrici proprio et nominee, li permezz tiegħu ppremettiet;

1. *Illi l-esponenti kienet izzewget lil E D fis-26 ta' Lulju 1997, sussegwentament isseparat legalment fis-16 ta' Ġunju 2004 u dan kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi permezz ta' digriet minn din l-Onorabbli Qorti, datat 13 ta' Frar 2019 (dokument anness u mmarkat B) l-esponenti u l-intimat E D hadu d-divorzju ta' dan iz-zwieg;*

3. *Illi qabel ma isseparaw legalment fis-16 ta' Ġunju 2004, il-partijiet kienu ilhom isseparati de facto u kull parti kienet ilha tghix ghar-rasha minn ta' l-inqas sentejn;*

4. *Illi matul dan iz-zmien ta' qabel ma gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni kif ukoll wara li l-istess kuntratt gie iffirmat, ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapport intimi bejn l-esponenti A B u l-konvenut E D;*

5. *Illi b'rizultat ta' relazzjoni intima ma F G, fit-8 ta' Ottubru 2004, l-esponenti weldet tifla, C,u peress li l-esponenti kienet ghadha ma hex isseparata mnn D E, fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri li jgib n-numru 3379/2004, hawn anness u mmarkart Dok C, giet irregistrata bhala bint il-konvenut E Giodmaina u tnizzel il-kunjom 'D', u dan peress li l-minuri twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-esponenti taf ben tajjeb li E D ma setax ikun il-missier naturali bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tal-minuri, u kien fl-impossibilita' fizika li jghammar mal-esponenti u dan ghaliex iz-zwieg kien ilu xi sentejn li sfacca irremejabbilment u li F G huwa il-missier naturali tal-minuri C;*

7. *Illi ghalkemm bil-kunjom 'D' il-minuri C kienet u ghada dejjem tikkunsidra li hija m'hijiex bint il-konvenut E D u huwa ma huwiex il-missier naturali taghha;*

8. *Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni bejn l-esponenti u l-konvenut E D ma tnizzel xejn dwar C u din ma tissemmgha ghal ebda raguni u dan ghax propju ma kienetx twieldet;*

9. *Illi dan ir-rikors gie intavolat peress li huwa mehtieg li jigi stabbilit u ddikjarat li l-minuri C maghrufa bil-kunjom D, hija effettivament bint l-*

*konvenut F G u mhux bint il-konvenut E D, u li ssir il-korrezzjoni f'dan ir-rigward fic-certifikat tat-twelid taghha;*

*Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, u prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut E D mhuwiex il-missier naturali tal-minuri C maghrufa D;*

*(ii) Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut l-iehor F G huwa il-missier naturali tal-minuri C;*

*(iii) Konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarju u opportuni u jaghmel dawk l-annotamenti necessary fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija C maghrufa D fosthom:*

*(a) Izid il-kunjom 'G' fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tiġi msejha';*

*(b) Jissostitwixxi l-isem 'E D' fil-kolonna 'Isem u Kunjom' b'referenza ghal-Missier it-Tarbija, bl-isem 'F G';*

*(c) Jissostitwixxi n-numru tal-Karta ta' l-Identita 'XXX', relattiv ghall-missier il-minuri, fil-kolonna 'Id-Dokument ta' l-Identita'' bin-numru 'XXX';*

*(d) Jissostitwixxi n-numru '29' fil-kolonna 'Eta' u dan dejjem b'referenza ghal-missier tal-minuri, in-numru '33';*

*(e) Jissostitwixxi l-post 'Coburg Victoria, Australia' fil-kolonna 'Fejn Twieldu', in kwantu jirrigward l-intestat 'Missier it-Tarbija' bil-post 'Pieta', Malta';*

*(f) Jissostitwixxi l-post 'Rabat, Malta' fl-kolonna 'Fejn Joqghodu', in kwantu jirrigwarda l-intestat 'Missier it-Tarbija' bil-post 'San Gwann', Malta';*

*(g) Jissostitwixxi l-isem 'H D (Alive)' fil-kolonna 'Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet', b'referenza ghall-intestat 'Missier it-Tarbija' bl-isem I G (late);*

*(h) Ihassar il-kliem 'the said' mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta' l-omm, l-attrici A B;*

*U dan sabiex isem il-knvenut E D u l-konnotati tieghu ma jibqghx jidhru fuq l-imsemmija Att that il-kolonni intestate: 'Taghrif dwar il-Missier it-Tarbija', 'Isem u Kunjom', 'Id-Dokument ta' l-Identita', 'Eta', 'Fejn Twieldu u Fejn Joqghodu', u 'Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux Haj jew Mejjet', u minflok jidhlu l-ismijiet li tordna din il-Qorti;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi proprio et nomine;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[1] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid ta' kull minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi fir-rigward ta' E G għandha ssir korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 ta' Malta, sabiex kull referenza għall-isem 'E', tiġi sostitwita bl-isem 'F' stante li dan tal-aħħar huwa dak l-isem li jappartjeni lilu skont l-Att tat-Twelid;*

[1] Fol. 18 – 20.

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

4. *Illi fil-mertu, l-esponent jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' E G u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat E D, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent ħa konizzjoni tad-dettalji kollha tal-intimat E G, li ġew indikati fir-rikors promotur, liema dettalji jiġu eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

6. *Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jtirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

7. *Illi bla pregudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m' għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuti E D u kif ukoll F G debitament notifikati bl-atti baqgħu ma weġibux permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi.[2] Konsegwentament fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2019 iz-zewġ konvenuti ġew iddikjarati li jinsabu fi stat ta' kontumaċi;[3]

[2] Fol. 15.
[3] Fol. 22.

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri C D, bin-numru progressiv 3379 tas-sena 2004;[4]

Rat l-Att taz-Zwieġ ta' A B u E D, bin-numru progressive 1264 tas-sena 1997;[5]

Rat is-sentenza fl-ismijiet E D vs A B, bin-numru 432/2018 AGV, deċiza nhar it-13 ta' Frar 2019, liema sentenza tirrigwarda d-divorzju tal-partijiet;[6]

Rat id-digriet ta' nhar l-11 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attriċi ta' nhar l-10 ta' Ottubru 20219 rigward l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili;[7]

Rat ir-rapport tat-test ġenetiku redatt u konsegwentament maħluf minn Dr. Marisa Cassar nhar l-10 ta' Diċembru 2020, liema rizultat sar fuq l-omm A B detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 227178M, F G detentur tal-Karta tal-Identita' numru 346071M u l-minuri C Giordmain detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 337904L;[8]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

Fir-rikors ġuramentat, l-attriċi proprio et nominee tikkontendi li zzewġet lil E D fis-26 ta' Lulju 1997, liema zwieġ intemm. Fil-fatt jingħad illi l-partijiet kienu separati *de facto* sa mis-sena 2002,[9] fejn isseparaw *de jure* nhar is-16 ta' Ġunju 2004,[10] u konsegwentament iddivorzjaw nhar it-13 ta' Frar 2019.[11]

[4] Fol. 11.
[5] Fol. 4.
[6] Fol. 5 – 10.
[7] Fol. 28.
[8] Fol. 34.
[9] Ara premessa numru 3 tar-rikors ġuramentat tal-attriċi, a fol.1.
[10] Ara l-Att taz-Zwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1264 tas-sena 1997, a fol. 4.
[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet E D vs A B, a fol. 5 – 10.

Jidher illi f'xi zmien mhux indikat, l-attriċi bdiet relazzjoni mal-konvenut F G, u skont l-attriċi minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri C D nhar it-8 ta' Ottubru 2004. Tenut kont tal-fatt li l-minuri ġiet kkonċepita fi zmien meta l-attriċi u E D kienu separati *de facto* u konsegwentament twieldet meta dawn sseparaw legalment izda mhux divorzjati, l-imsemmija minuri ġiet irreġistrata u ddikjarata bħala l-bint naturali u bijoloġika tal-konvenut E D bħala zewġ l-attriċi A B. Għaldaqtstant, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi f'isimha u għan-nom ta' bintha ukoll qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri C D ma hijiex il-wild natuali u bijoloġika ta' E D izda li hi l-bint ta' F G, u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tal-minuri sabiex l-istat veru tal-minuri jiġi rifless.

Għal tali talba, l-konvenuti E D u F G minkejja li ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artiklu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, naqsu milli jintavolaw ir-risposta ġramentata tagħhom entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika. Min-naħa l-oħra, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għar-rikors ġuramentat tal-attriċi proprio et nomine, fejn issolleva numru ta' eċċezzjonijiet sabiex b'hekk il-proċedura legali tkun segwita *in toto*, filwaqt li ddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-attrici proprio et nomine.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi"* u huwa proprju minħaba tali prezunzjoni legali li l-minuri ġiet imnizzla bħala l-wild ta' E D. F'dan l-istadju, l-attriċi qeghda titlob illi l-Qorti tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa F G, minnflok E D. In vista tal-fatt illi, l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-omm u *di piu'* l-minuri ġiet imnissla u mwielda fi zmien meta l-istess omm kienet mizzewġa lil E D, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbazata fuq l-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-*

*mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attrici proprio et nomine hekk imsejsa fuq Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn qiegħda tintalab minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali rigward il-paternita' tal-minuri C D, fis-sens illi m'hijiex il-wild naturali ta' E D izda hija l-wild naturali ta' F G.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex *in primis* tissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir mill-omm kontra zewġha, l-allegat missier u l-minuri. F'dan il-kaz, il-minuri tinsab legalment rapprezentata mill-omm stess bħala kuratriċi *ad litem*. Minkejja l-fatt illi l-azzjoni odjerna ma ġietx istitwita skont id-diċitura tal-liġi stess, il-Qorti xorta waħda sejra tgħaddi sabiex tissorpassa tali nuqqas u dan f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju.

Skont ir-risposta li ġiet ipprezentata mid-Direttur konvenut, jidher illi ġew issollevati numru ta' eċċezzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel (1) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut u ċjoe' rigward l-awtorizzazzjoni meħtieġa abbazi tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, mill-atti proċedurali jidher illi tali eċċezzjoni ġiet sorvolata mill-attrici stante li nhar l-10 ta' Ottubru 2019 ġie pprezentat

rikors f'dan is-sens,[12] liema rikors ġie milqugħ minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat il-11 ta' Ottubru 2019.[13]

Fir-rigward tat-tieni (2) eċċezzjoni tad-Direttur, fejn talab li ssir korrezzjoni fir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-isem tal-konvenut G jinbidel għal *'F'* minnflok *'E',* jidher li tali nuqqas ġie ssanat in vista tal-fatt li fl-udjenza ta' nhar id-9 ta' Ottubru 2019, il-Qorti laqgħat it-talba maghmula *viva voce* mill-attriċi u dan fid-dawl tal-imsemmija eċċezzjoni.[14] Għaldaqstant ma hemmx lok għal din il-Qorti li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat ir-rizultat tat-test ġenetiku kif redatt minn Dr. Marisa Cassar, pprezentat u maħluf minnha *seduta stante* fl-udjenza ta' nhar l-10 ta' Diċembru 2020. Permezz ta' dan ir-rizultat ġie konkluz illi F G, detentur tal-karta tal-identita' numru 346071M huwa l-missier naturali tal-minuri C D. Għaldaqstant dan jikkonferma illi ir-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ġiet sorvolata u dan stante li kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

Fl-aħħar lok u referibbilment għad-dettalji tal-konvenut F G u kif ukoll il-kunjom tal-minuri, u dan b'referenza għall-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi dawn ġew sorvolti ukoll. Illi mill-atti tal-kawza odjerna jidher li d-dettalji tal-konvenut F G ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat, li huma: (i) In-Numru tal-Karta tal-Identita' – XX, (ii) Isem u Kunjom – F G, (iii) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri – 33 SENA, (iv) Il-post tat-twelid tiegħu – PIETA', (v) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri – SAN ĠWANN, (vi) Isem u kunjom Missieru – I G, (vii) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri – LE.

Magħdud mal-premess, u fir-rigward tal-kunjom jidher li fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2019 kien hemm qbil illi l-kunjom li għandha tassumi l-minuri għandu jkun dak ta' *'G'* minnflok *'D'*. Il-Qorti tevalwa li fil-prezent għandha sittax-il (16) sena u matul tali zmien huwa prezunt li dejjem uzat u

[12] Fol. 25 – 27.
[13] Fol. 28.
[14] Fol. 22 – 23.

assoċjat ruħha mal-kunjom *'D'*. Jiġi ribadit illi normalment il-bdil tal-kunjom ikun ideali f'dak l-istadju meta l-minuri ikunu għadhom f'eta' tenera fejn ikunu għadhom ma bdewx jifformaw il-gruppi soċjali tagħhom. Madanakollu, fid-dawl tal-liġi u kif ukoll tal-qbil li sar fl-ewwel seduta, il-Qorti tgħaddi sabiex tordna li l-minuri għandha tassumi l-kunjom *'G'* minnflok *'D'*.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi E D, detentur tal-Karta tal-Identita' numru XX, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri C D;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tiddikjara illi F G, detentur tal-Karta tal-Identita' numru XX, huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri C D;

3. Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' C D, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 3379 tas-sena 2004, fejn il-korrezzjoni għandha tkun tali illi tikkanċella l-konnotati kollha ta' E D u tissostitwixxihom bil-konnotati ta' F G hekk kif indikat f'din is-sentenza, b'dana illi l-kunjom tal-minuri mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jkun dak ta' *'G'*.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati b'mod ugwali mill-attriċi A B u mill-konvenut F G.